# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

**Decizjoni Nru** 1886

Kaz Nru 2483/HW

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Anthony Debono

u

Snowhite Laundry Co. Ltd.

Dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

18 ta' Novembru, 2008

Chairman : Is-Sur Harold Walls M.Sc.. DPM. IPD(UK).

Din il-Kwistjoni tax-Xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjoni pprezentata fir-registru tal-Qorti Superjuri datata 6 ta' Gunju 2007, biex tigi pprocessata mit-Tribunal Industrijali skond it-Termini ta' l-Att XXII tas-sena 2002, dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.

Is-Sur Anthony Debono li minn issa jidher bhala l-Appellant kien assistit mill-Avv. Rapheal Fenech Adami. Ghas-Socjeta Snowhite Laundry Co Ltd. deher is-Sur Charles Schembri assistit mill-Avv. Geraldine Spiteri.

L'appellant fl'istqarrija tal-kaz tieghu jghid, li kien impjegat mas-socjeta intimata bhala electrical technician in forza ta' kuntratt definit ta' impjieg ta' tliet xhur datat 9 ta' Jannar 2006. Illi wara 31 ta' Marzu, 2006 skada t-terminu stipulat fl-istess kuntratt ta' impjieg u kompla jahdem regolarment ma l-istess socjeta bl-istess kundizzjonijiet tax-xoghol. Huwa jghid ukoll, li apparti l-kuntratt ta' mpjieg msemmi ta' tliet xhur huwa ma ffirma l-ebda kuntratt iehor ta' mpjieg u anqas ma gie estiz l-imsemmi kuntratt originali ta' tliet xhur. Ghalhekk, huwa jikkontendi li hekk kif skada t-terminu originali tal-kuntratt definit u stante li ma gie ffirmat ebda

kuntratt iehor, n-natura ta' l-impjieg tieghu mas-socjeta ntimatata gie konvertit minn wiehed definit ghal impjieg indefinit u dan peress li ma nghata ebda kuntratt gdid ta' xoghol fi zmien tnax il-jum minn meta nghalaq il-kuntratt originali u dana ai termini tal-artikolu 34(2) Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant, is-socjeta intimata ma kellha ebda jedd li titterminalu l-impjieg tieghu b'effet mill-31 ta' Dicembru 2006 bil-mod kif ghamlet.

Ghas-Socjeta intimata da' parti taghha qalet, li Anthony Debono kien gie mpjegat ghal zmien definit ta' tliet xhur, u inghata kuntratt f'dan is-sens. Is-socjeta tghid ukoll, li skond struzzjonijiet moghtija lilha mill-ETC, jekk impjegat b'kuntratt ghal zmien defenit ikun ser igeddulu l-kuntratt, kull ma ghandha bzonn li tghamel hu li jinfurmaw kemm lill-istess impjegat kif ukoll lill-ETC li l-kuntratt qed jiggedded, u ghal kemm zmien ikun qed jiggedded. Is-Socjeta tghid ukoll, li l-Appellant gie moghti kuntratt ta' zmien definit li kien jaghlaq fil-31 ta' Marzu 2006, u hu kien gie mgharraf bit-tigdid tal-kuntratt sat-30 ta' Settembru, 2006. Hija tghid ukoll, li dan l-ahhar kuntratt sar billi infurmaw lil impjegati kollha verbalment, inkluz lis-Sur Debono, billi nizzlu fuq in-notice boards ufficjali l-ismijiet tal-impjegati li gew imgedda l-kuntratt taghhom u dan inkluz ta' l-appellant u billi infurmaw ukoll formalment lill-ETC. Is-Socjeta tghid ukoll, li f'Settembru 2006, gie deciz li ghar-records tal-Kumpanija, ikun ahjar jekk l-impjegati li rieduhom igeddulhom il-kuntratt, jghatuhom kuntratt f'dan is-sens bil-miktub. Is-Socjeta tghid ukoll, li bejn Settembru u Ottubru 2006 hargu numru ta' kuntratti definiti ffirmati mid-Direttur u ghaddewhom lill-impjegati li riedu jgeddulhom il-kuntratt sa l-ahhar tas-sena 2006. Is-Socjeta tghid ukoll, li l-impjegati ffirmaw dawn il-kuntratti izda l'Appellant fil-waqt li accetta dan il-kuntratt kien qal lis-segretarja li kien ser jiffirmah u jgibu lura. Izda, minkejja dan huwa baqa ma irritornah qatt.

Mill-provi jirrizulta, li l-appellant kien gie mpjegat mas-socjeta intimata bhala electrical technician permezz ta' kuntratt defenit ta' tlett xhur b'sehh mid-9 ta' Jannar 2006 u liema kuntratt kien ghalaq fil-31 ta' Marzu 2006. Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-Kumpanija nfurmat lill impjegati li il-kuntratt taghhom li kien

se jghalaq fil-31 ta' Marzu 2006, kien gie estiz mill-1 ta' April 2006 sal-30 ta' Settembru 2006. Mill-provi jirrizulta wkoll, li meta ghalqu l-kuntratti defeniti sa 30 ta' Settembru 2006, din id-darba il-Kumpanija mhux biss avzat permezz tan-notice board lill-haddiema involuti li kienet se terga iggedded il-kuntratti taghhom sal-31 ta' Dicembru 2006, izda ukoll infurmathom bil-miktub. Mill-provi jirrizulta wkoll, li l'appellant kien irceva dan il-kuntratt u fil-waqt li l-management jghid li l-appellant kien qallhom li kien se jiffirmah l-appellant innega dan. Mill-provi jirrizulta wkoll, li f'kull kaz din l-informazzjoni li giet moghtija lill-haddiema kien sar fi zmien tnax il-gurnata minn meta kien se jghalqilhom il-kuntratt. Mill-provi jirrizulta wkoll, li meta gie itterminat l-impieg ta' l'Appellant fil-31 ta' Dicembru 2006 gie imnizzel fuq l-formola tat-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l'ETC li ir-raguni li gie itterminat l'impieg ta' l-appellant kienet ghax ghalaqlu l'kuntratt. Din il-formola ta' l'ETC tat-terminazzjoni ta' l'impieg giet ukoll iffirmata mill-appellant.

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-Istatements of Case tal-partijiet, kif ukoll ra u ezamina d-dokumenti esebiti, semgha u evalwa x-xhieda prodotta u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz, it-Tribunal Industrijali jiddikjara li t-Terminazzjni ta' l-Impieg ta' l-appellant ma saritx bi ksur tal-ligi.

It-Tribunal Industrijali jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista fl-ammont ta' E93.18

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Vera kopja

Harold Walls
Chairman

M'Rose Galea
Segretarja